

2025 Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività Sommarju

Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività għall- 2025 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall- Ażil

Sommarju

Ġunju 2026



Il-manuskritt tlesta f'Ġunju 2026

La l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem l-EUAA mhija responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni inkluża f'din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2026

PDF BZ-01-26-043-MT-N ISBN 978-92-9418-542-6 ISSN 2812-4499 doi: 10.2847/2190942

Noti dwar il-politika tal-ittondjar

Il-politika tal-ittondjar li ġejja tapplika għal ċifri mhux finanzjarji:

- il-valuri **bejn 101 u 1 000** huma ttondjati għall-eqreb 10;
- il-valuri **bejn 1 001 u 10 000** huma ttondjati għall-eqreb 100;
- il-valuri **ta' aktar minn 10 000** huma ttondjati għall-eqreb 1 000;
- il-valuri tan-nofs jiġu aġġustati 'l fuq;
- il-perċentwali huma ttondjati għall-eqreb numru sħiħ.

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, iċ-ċifri finanzjarji mhumiex ittondjati.

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), 2026

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissewma s-sors oriġinali. Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhumiex proprjetà tal-EUAA, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur rispettivi.

I. Is-sena fil-qosor

Fl-2025, ġew ippreżentati madwar **822 000 applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fl-UE+**, u dan jirrappreżenta tnaqqis b'19 % meta mqabbel mal-2024 ⁽¹⁾. Iċ-ċittadini **Afgani, Venezwelani u Sirjani** kienu t-tliet l-akbar gruppi ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, li jammontaw għal 14 %, 11 % u 5 % tal-applikazzjonijiet kollha sottomessi fl-2025, rispettivament.

Minbarra l-applikazzjonijiet għall-ażil, madwar **4.5 miljun individwu kienu qed jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja** fl-UE+ fi tmiem l-2025. Din il-forma ta' protezzjoni ġiet attivata għall-ewwel darba fl-2022 b'rispons għall-invażjoni fuq skala kbira tal-Ukrajna mir-Russja.

F'Novembru 2025, il-Kummissjoni ppubblikat l-ewwel **Rapport Annwali Ewropew dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni**, li mmarka t-tnedija taċ-ċiklu annwali tal-ġestjoni tal-migrazzjoni stabbilit skont il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil (il-Patt).

F'Diċembru 2025, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu ftehim politiku dwar użu allinjat mal-UE kollha tal-kunċetti ta' **pajjiż ta' oriġini sikuri u pajjiż terzi sikuri**. Din ir-riforma għandha l-għan li taċċellera l-proċeduri tal-fruntieri u tar-ritorn u ssaħħaħ ir-rabta bejn il-politiki tal-ażil u tar-ritorn.

F'dan l-isfond, l-EUAA ffirmat pjanijiet operazzjonali ġodda mal-Irlanda u mal-Litwanja u pprovdiet assistenza operazzjonali u teknika lil 12-il Stat Membru permezz tal-iskjerament ta' madwar 1 000 membru tal-persunal, flimkien ma' 450 interpretu

Illustrazzjoni 1. Is-sena f'numri – 1 minn 3



⁽¹⁾ Sors: Is-sistema ta' twissija bikrija u ta' tħejija tal-EUAA. Ara l-**Aħħar Xejriet tal-Ażil 2025** tal-EUAA għal informazzjoni u analiżijiet dettaljati.



Enfasi ewlenija tal-Aġenzija kienet l-appoġġ għat-tħejjijiet tal-Istati Membri għad-dħul fis-seħħ, f'Ġunju 2026, tal-istrumenti leġiżlattivi tal-Patt. L-EUAA pprovdiet **firxa wiesgħa ta' riżultati relatati mal-Patt** inklużi taħriġ, gwida operazzjonali, għodod u prodotti analitiċi.

Eluf ta' uffiċjali nazzjonali pparteċipaw **f'attivitajiet ta' taħriġ**, li jirrifletti d-domanda dejjem tikber għall-appoġġ tal-Aġenzija fit-tħejjija tal-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri għall-qafas leġiżlattiv il-ġdid.

L-inawgurazzjoni tal-**bini tal-Akkademja tal-EUAA**, f'Ġunju 2025, immarkat stadju importanti istituzzjonali ewlieni, li stabbilixxa ċentru Ewropew ta' eċċellenza għal **taħriġ speċjalizzat u akkreditat** fl-ażil u fl-akkoljenza. Billi tagħti ċertifikati, kwalifiki u lawrji u billi tiffaċilita r-rikonnoxximent uffiċjali tal-eżiti tat-taħriġ tal-EUAA madwar l-UE u lil hinn minnha, l-Akkademja se tkompli tipprofessjonalizza t-taħriġ għal firxa wiesgħa ta' rwoli fil-qasam tal-ażil u l-akkoljenza.

Illustrazzjoni 2. Is-sena f'numri - 2 minn 3



FI-2025, l-EUAA **bdiet tissorvelja l-applikazzjoni operazzjonali u teknika tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil**, skont il-[metodoloġija stabbilita fl-2024](#). Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ, introdott mir-Regolament tal-EUAA fl-2022, għandu l-għan li "[j]ipprevjeni jew [j]identifika nuqqasijiet possibbli fis-sistemi ta' ażil u akkoljenza tal-Istati Membri u bl-għan li [j]ivvaluta l-kapaċità u l-istat ta' tħejjija tagħhom biex jimmaniġġjaw sitwazzjonijiet ta' pressjoni sproporzjonata ..." ⁽²⁾.

Bi qbil mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, l-Aġenzija wettqet il-fażi **pilota tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ fl-Estonja u fin-Netherlands**. L-EUAA se tkompli timmonitorja Stati Membri oħra fis-snin li ġejjin, skont il-[programm ta' monitoraġġ pluriennali](#) tagħha li jkopri l-perjodu 2026–2030.

⁽²⁾ L-Artikolu 14(1)tar-[Regolament \(UE\) Nru 2021/2303](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil.



Illustrazzjoni 3. Is-sena f'numri - 3 minn 3

L-Aġenzija espandiet ukoll l-involviment tagħha mas-sħab tal-UE permezz tar-reklutaġġ ta' tmien **uffiċjali ta' kollegament fl-Istati Membri**, li ġew skjerati fl-istazzjonijiet tax-xogħol rispettivi tagħhom fil-bidu tal-2026. Dan jimmarka l-ewwel darba li l-Aġenzija stabbiliet preżenza permanenti fl-Istati Membri fir-rwol orizzontali tagħha, lil hinn mill-iskjeramenti operazzjonali. Billi jiffaċilitaw involviment iktar mill-qrib fil-ħidma ta' kuljum mal-awtoritajiet nazzjonali u billi jipprovdu punt ċentrali ta' kuntatt fl-Aġenzija għal kull Stat Membru, l-uffiċjali ta' kollegament huma mistennija jsaħħu l-flussi ta' informazzjoni u jappoġġaw approċċ aktar koerenti u koordinat għall-ħidma tal-Aġenzija f'oqsma differenti.

Barra minn hekk, f'Ġunju 2025 l-EUAA ospitat **l-ewwel konferenza annwali tagħha dwar l-istat tal-ażil**, li laqqgħet madwar 1 000 parteċipant online u wiċċ imb wiċċ biex jiddibattu l-aġenda li qed tevolve tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil.

Fid-**dimensjoni esterna**, l-EUAA ċelebrat l-10 **anniversarju tal-programm iffinanzjat mill-UE għall-Appoġġ Reġjonali tal-UE għal Sistemi ta' Ġestjoni tal-Migrazzjoni Sensittivi għall-Protezzjoni fil-Balkani tal-Punent**, implimentat fi sħubija mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni u l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati. Matul id-deċennju li għadda, il-programm appoġġa lill-awtoritajiet tal-Balkani tal-Punent biex itejbu l-governanza tal-migrazzjoni u l-ażil, skont l-istandards tal-UE u dawk internazzjonali.

Fl-aħħar nett, fl-2025 l-Aġenzija bdiet diskussjonijiet dwar l-iżvilupp ta' proġetti ta' bini tal-kapaċitajiet għall-**Moldova** u għall-**Ukrajna**, li huma fost il-pajjiżi terzi bl-oġġla prijetà tal-Aġenzija.



II. Informazzjoni baġitarja u finanzjarja

Is-sussidju tal-UE fil-baġit tal-EUAA għall-2025, skont it-tieni emenda għad-dokument uniku ta' programmazzjoni 2025–2027, ammonta **għal EUR 191 737 310 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 194 737 310 f'approprjazzjonijiet ta' pagament**.

FI-2025, id-dħul tal-Aġenzija kien magħmul kif ġej:

- sussidju mill-baġit tal-UE u l-imgħaxijiet akkumulati tiegħu;
- kontribuzzjonijiet minn pajjiżi assoċjati max-Schengen u l-imgħax akkumulat tagħhom;
- it-tieni pagament parzjali skont il-ftehim ta' kontribuzzjoni ffinanzjati mill-NDICI-Ewropa Globali;
- pagamenti parzjali skont il-ftehimiet ta' kontribuzzjoni ffinanzjati mill-IPA għall-implimentazzjoni ta' proġetti b'appoġġ għal sistemi ta' ġestjoni tal-migrazzjoni sensittivi għall-protezzjoni fil-Balkani tal-Punent;
- introjtu mill-imgħax akkumulat mill-kontribuzzjonijiet ipprovduti miċ-Ċekja u mid-Danimarka.

Tabella 1. Dħul għal kull sors ta' finanzjament, esklużi l-ammonti riportati mis-snin preċedenti (ċifri ttondjati għan-numru sħiħ li jmiss).

Titolu tal-baġit	Sors tal-finanzjament	Dħul fil-baġit (EUR)	Dħul wara li tiġi definita l-p.m. ⁽³⁾ (EUR)	Dħul riċevut (EUR)	Bilanċ li jifdal (EUR)
2	Sussidju mill-baġit tal-UE	194 737 310	194 737 310	194 737 310	0
3	Kontribuzzjonijiet minn pajjiżi assoċjati max-Schengen	9 591 617	9 591 617	9 591 617	0
4	Kontribuzzjonijiet oħrajn (inkluż l-imgħax akkumulat)	1 354 593	6 362 782	6 362 782	0
5	Introjtu ieħor/irkupru ta' spejjeż, introjtu mill-imgħax	0	1 175 636	1 158 705	16 931
Introjtu totali (EUR)		205 683 520	211 867 345	211 850 414	16 931

⁽³⁾ P.m. tfisser *pro memoria* u tindika li ammont jista' jiġi assenjat lill-baġit, anki jekk ma jkunx ċar x'se jkun dak l-ammont, jew jekk ikunx jeżisti.




III. Riżorsi umani, kontroll intern u evalwazzjonijiet

Riżorsi umani

FI-2025, l-Aġenzija kellha total ta' **670 kariga ta' persunal disponibbli**, li minnhom 581 ⁽⁴⁾ kienu mtlew sal-aħħar tas-sena.

Illustrazzjoni 4. Karigi tal-persunal mimlija u disponibbli skont il-kategorija sal-31 ta' Diċembru 2025



Sistemi ta' kontroll intern

Wara r-rivalutazzjoni mwettqa fl-ewwel kwart tal-2026, il-Maniġment Superjuri kkonkluda li **tmien prinċipji ta' kontroll intern** kienu kompletament effettivi u disgħa kienu effettivi. Abbażi tal-analiżi tal-prinċipji ta' kontroll intern, ġie konkluż li **erba' komponenti ta' kontroll intern kienu effettivi u wieħed kien kompletament effettiv**. Dawn qed jaħdmu kif maħsub, filwaqt li huwa meħtieġ titjib biex jiġu indirizzati nuqqasijiet moderati jew żgħar.

L-informazzjoni dwar in-nuqqasijiet fil-kontroll intern u l-azzjonijiet korrettivi korrispondenti hija disponibbli fuq is-[sit web tal-EUAA](#).

Evalwazzjonijiet

L-EUAA twettaq evalwazzjonijiet interni jew esterni ta' nofs it-terminu u ex post tal-programmi u l-attivitajiet li jinvolvu nfiq sinifikanti. FI-2025, l-EUAA lestiet **ħames evalwazzjonijiet**.

⁽⁴⁾ Din iċ-ċifra tinkludi karigi li, sal-31 ta' Diċembru 2025, kienu ġew offruti lill-kandidati magħżula u li għalihom kien għadu ma ġiex iffirmat kuntratt ta' impjieg.



Rapport dettaljat dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni b'reazzjoni għas-sejbiet tal-evalwazzjoni huwa disponibbli fuq is-[sit web](#) tal-Aġenzija.





L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

